# It-Tranżazzjonijiet tal-Proprjetà Residenzjali: April 2024

NR 087/2024 Data tal-Ħruġ: 13 ta' Mejju 2024 Data tal-Għeluq: 02 ta' Mejju 2024

*F'April 2024, il-Kuntratti ta' bejgħ u l-Konvenji ta' proprjetajiet residenzjali ammontaw għal 1,139 u 1,157, rispettivament.*



Din l-Istqarrija tal-Aħbarijiet tippreżenta tagħrif proviżorju dwar tranżazzjonijiet ta' bejgħ ta' proprjetajiet residenzjali skont id-data tar-reġistrazzjoni mal-awtorità tat-taxxa.

**Kuntratti ta' Bejgħ**

F'April 2024, l-għadd ta' kuntratti ta' bejgħ ta' proprjetajiet residenzjali kien jammonta għal 1,139, li juri żieda ta' 22.6 fil-mija meta mqabbel ma' dawk irreġistrati f'April 2023 (Tabella nru 1a, Ċart nru 1). B'kollox, il-valur ta' dawn il-kuntratti laħaq it-€306.6 miljuni, żieda ta' 15.3 fil-mija meta mqabbel mal-valur irreġistrat f'April 2023 (Tabella nru 2a).

## Ċart nru 1. Kuntratti ta' bejgħ u konvenji rreġistrati

Ta' kull xahar




Fix-xahar ta' riferenza, 1,040 jew 91.3 fil-mija tal-kuntratti kienu jikkonsistu minn individwi, filwaqt li kważi l-bqija tal-kuntratti l-oħra kienu magħmulin minn kumpaniji (Tabella nru 1b). Il-valur tal-kuntratti li jinvolvu individwi kien jammonta għal €258.5 miljun, li huwa ekwivalenti għal 84.3 fil-mija tal-valur kollu (Tabella nru 2b).

*Kuntratti ta' bejgħ bid-distrett u l-lokalità*

F'April 2024, l-akbar ammonti ta' kuntratti ta' bejgħ kienu rreġistrati fid-Distrett tat-Tramuntana tal-Port u fid-Distrett tat-Tramuntana, b'total ta' 313 u 211-il kuntratt, rispettivament. Min-naħa l-oħra, l-inqas numri ta' kuntratti kienu nnotati fid-Distrett tal-Punent, u fid-Distrett ta' Għawdex u Kemmuna, b'114 u b'145 kuntratt, rispettivament (Tabella nru 3).

L-akbar ammonti ta' kuntratti ta' bejgħ kienu rreġistrati f'dawn il-lokalitajiet: San Pawl Il-Baħar (85), Birkirkara (60) u Il-Mosta (48) (Tabella nru 8, Ċart nru 2a). Dawn il-kuntratti kienu jgħoddu 16.9 fil-mija tal-kuntratti kollha rreġistrati f'April 2024.

## Ċart nru 2a. Il-lokalitajiet li kellhom l-akbar ammonti f'April 2024

Kuntratti ta' bejgħ




*Tranżazzjonijiet ta' proprjetajiet irreġistrati fil-kuntratti ta' bejgħ*

Fix-xahar ta' riferenza, l-għadd ta' proprjetajiet irreġistrati fil-kuntratti ta' bejgħ kien jilħaq l-1,197 (Tabella nru 4). L-Appartamenti (460) u l-Garaxxijiet (267) irreġistraw l-akbar sehem mit-total, bi 38.4 fil-mija u bi 22.3 fil-mija, rispettivament.

**Konvenji**

F'April 2024, kienu rreġistrati 1,157 konvenju ta' proprjetajiet residenzjali, li huma riflessi f'żieda ta' 9.2 fil-mija fuq is-sena ta' qabel (Tabella nru 5a, Ċart nru 1). L-individwi li kienu involuti f'dawn il-konvenji kienu jgħoddu 1,029 (88.9 fil-mija), filwaqt li l-bqija kienu jinvolvu kumpaniji (Tabella nru 5b).

*Konvenji bid-distrett u l-lokalità*

L-akbar għadd ta' konvenji ta' proprjetajiet residenzjali kien irreġistrat fid-Distrett tat-Tramuntana tal-Port bi 305 konvenji, segwit mid-Distrett tan-Nofsinhar tal-Port b'213-il konvenju. Min-naħa l-oħra, l-inqas ammonti ta' konvenji dehru fid-Distrett tal-Punent, u fid-Distrett ta' Għawdex u Kemmuna, b'111 u b'132 konvenju, rispettivament (Tabella nru 6).

L-akbar ammonti ta' konvenji kienu rreġistrati f'dawn il-lokalitajiet: San Pawl Il-Baħar (96), Birkirkara (61) u Il-Mosta (60) (Tabella nru 10, Ċart nru 2b). Dawn il-konvenji kienu jgħoddu 18.8 fil-mija tal-konvenji kollha rreġistrati f'April 2024.

## Ċart nru 2b. Il-lokalitajiet li kellhom l-akbar ammonti f'April 2024

Konvenji

